MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 662/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**
**vs**
**Victor Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u dan talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u cioe fl-14 ta' Gunju 2001, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' offra ghal skop ta' kummerc u biegh mill-fond 'Blue Dolphin', sitwat f'Islets Promenade,

Bugibba, brieret ta’ ditti rinomati li huma foloz, fosthom, Adidas u Nike bi ksur tal-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor pproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex qassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil jew taht il-ligi ta’ Malta u cioe’ offra ghal bejgh mill-fond ‘Blue Dolphin’, sitwat f’Islets Promenade, Bugibba, brieret ta’ ditti rinomati fosthom Adidas u Nike, bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor pproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b’tali licenza, jew bhala parti minn attivita koperta b’tali licenza, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-attur li jkollha persuna ohra u protetti bil jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta r-reat ta’ qerq fil-kummerc u ksur tad-drittijiet tal-attur filli l-imputat instabulu gewwa l-hanut tieghu ‘Blue Dolphin’ f’Islets Promenade, Bugibba, numru ta’ brieret tal-marka ‘Adidas’ u ‘Nike’ li allegatament kienu foloz. Precizament l-akkuzi kontra l-imputat huma cirkoskritti filli, fl-ewwel lok, huwa qieghed jigi akkuzat li biegh jew zamm ghandu ghal bejgh l-imsemmija brieret “b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq”, u fit-tieni

lok, hu akkuzat li “ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, biegh jew mod iehor offra ghall-bejgh” l-imsemmija brieret “bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta”.  Jinghad dwar din it-tieni parti li procedimenti dwar ksur tad-drittijiet tal-awtur ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza.

Illi taht l-ewwel kap mhux bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova l-qerq stante illi irid ukoll jigi pruvat is-scienter fl-imputat.  Fil-kaz in disamina iz-zewg testijiet huma nieqsa. Mill-provi jirrizulta wisq car li l-imputat ha l-prekawzjonijiet kollha meta xtara l-brieret in kwistjoni; staqsa dwar il-provenjenza, hallas tramite cekk u esiga ricevuta fiskali. Ukoll hi nieqsa l-prova cara li l-oggetti meritu l-kawza kienu verament b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq.  Dan ghandu jirrizulta abundantement car mill-atti fejn hi ghal kollox mankanti l-prova, imqar tal-agent li l-brieret kienu foloz, fattur li l-qorti ma tistax tiddesumi semplicement mill-prezz molto piu’ meta m’hemmx lanqas l-icken prova ta’ kemm verament ghandhom jiswew tali brieret fuq is-suq.

Illi fir-rigward t-tieni kap fuq l-iskorta ta’ dak li gja intqal lanqas din l-akkuza ma tirrizulta pruvata.

Ghalhekk tiddeciedi li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------